

Brussell, 28 ta' April 2015
(OR. en)

7449/15

PUBLIC 17
INF 50

NOTA

Suġġett: SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL DIĊEMBRU
2014

Dan id-dokument jelenka l-atti adottati mill-Kunsill f'Diċembru 2014.^{1 2}

Dan jagħti informazzjoni dwar l-adozzjoni tal-atti legiſlattivi, inkluż:

- id-data tal-adozzjoni,
- is-sessjoni rilevanti tal-Kunsill,
- in-numru tad-dokument adottat,
- ir-referenza għall-Ġurnal Uffiċjali,
- ir-regoli applikabbli għall-votazzjoni, ir-riżultati tal-votazzjoni u, fejn adatt, l-ispjegazzjonijiet tal-votazzjoni u d-dikjarazzjonijiet ippubblikati fil-minuti tal-Kunsill.

¹ Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet ta' proċedura, ħatriet, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti bi ftehimiet internazzjonali, deċiżjonijiet baġitarji speċifiċi, eċċ.

² Fil-każ ta' atti legiſlattivi adottati bil-proċedura legiſlattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill fejn ikun ġie adottat l-att legiſlattiv u d-data attwali tal-att inkwistjoni, peress li l-atti legiſlattivi adottati bil-proċedura legiſlattiva ordinarja jitqiesu biss li ġew adottati wara li jiġu ffirmati kemm mill-President tal-Kunsill kif ukoll mill-President tal-Parlament Ewropew u mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ istituzzjonijiet.

Dan id-dokument fih ukoll informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti mhux leġislattivi li l-Kunsill ikun iddeċieda li jippubblika.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll fis-sit elettroniku tal-Kunsill:

[Sommarju ta' kull xahar tal-atti tal-Kunsill \(atti\) - Consilium](#)

Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill taħt: [Dokumenti u pubblikazzjonijiet - Consilium](#)

Ta' min jinnota li dan id-dokument huwa esklużivament għal finijiet ta' informazzjoni - il-minuti tal-Kunsill biss huma awtentiċi. Dawn huma disponibbli fis-sit elettroniku tal-Kunsill: [Minuti tal-Kunsill - Consilium](#)

INFORMAZZJONI DWAR L-ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL F'DIĊEMBRU 2014

It-3351 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (IMPJIEGI, POLITIKA SOĊJALI, SAĦĦA U AFFARIJET TAL-KONSUMATUR) li saret fi Brussell fl-1 ta' Diċembru 2014

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
2014/871/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-1 ta' Diċembru 2014 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fit-Tmien Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar l-Effetti Transkonfini tal-Inċidenti Industrijali fir-rigward tal-proposta għal emenda fl-Anness I ta' dik il-Konvenzjoni ĠU L 349, 5.12.2014, p. 50-57	15610/14
Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar emenda fil-Konvenzjoni dwar l-Effetti Transkonfini tal-Inċidenti Industrijali	15615/14
Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/860/PESK tal-1 ta' Diċembru 2014 li temenda u testendi d-Deċiżjoni 2012/173/PESK dwar l-attivazzjoni taċ-Ċentru ta' Operazzjonijiet tal-UE għall-missjonijiet u l-operazzjoni tal-Politika ta' Sigurtà u Difiża Komuni fil-Qarn tal-Afrika ĠU L 346, 2.12.2014, p. 32-34	14291/14

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/863/PESK tal-1 ta' Diċembru 2014 li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/798/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Ċentru-Afrikana ĠU L 346, 2.12.2014, p. 52-55	15551/14
Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1276/2014 tal-1 ta' Diċembru 2014 li jimplimenta l-Artikolu 17(1) tar-Regolament (UE) Nru 224/2014 dwar miżuri restrittivi minħabba s-sitwazzjoni fir-Repubblika Ċentru-Afrikana ĠU L 346, 2.12.2014, p. 19-22	15556/14
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/862/PESK tal-1 ta' Diċembru 2014 li timplimenta d-Deċiżjoni 2010/788/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo ĠU L 346, 2.12.2014, p. 36-51	15550/14
Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1275/2014 tal-1 ta' Diċembru 2014 li jimplimenta l-Artikolu 9(1) u (4) tar-Regolament (KE) Nru 1183/2005 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra persuni li jaġixxu bi ksur għall-embargo tal-armi fir-rigward tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo ĠU L 346, 2.12.2014, p. 3-18	15552/14

Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/861/PESK tal-1 ta' Diċembru 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2012/699/PESK dwar l-appoġġ tal-Unjoni għall-attivitajiet tal-Kummissjoni Preparatorja tal-Organizzazzjoni tat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali ta' Provi Nukleari sabiex issaħħaħ il-kapaċitajiet ta' monitoraġġ u verifika tagħha u fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva ĠU L 346, 2.12.2014, p. 35-35	14978/14
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tilqim bħala għodda effettiva fis-saħħa pubblika ĠU C 438, 6.12.2014, p. 3-6	15090/14
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-sikurezza tal-pazjenti u l-kwalità tal-kura, inklużi l-prevenzjoni u l-kontroll ta' infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa u r-reżistenza antimikrobika ĠU C 438, 6.12.2014, p. 7-11	15441/14
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-innovazzjoni għall-benefiċċju tal-pazjenti ĠU C 438, 6.12.2014, p. 12-15	15838/14

Proċedura bil-miktub konkluża fil-1 ta' Diċembru 2014	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
2014/857/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-1 ta' Diċembru 2014 dwar in-notifika tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq rigward ix-xewqa tiegħu li jieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li jinsabu fl-atti tal-Unjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali u li temenda d-Deċiżjonijiet 2000/365/KE u 2004/926/KE ĠU L 345, 1.12.2014, p. 1-5	13146/14
It-3352 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (TRASPORT, TELEKOMUNIKAZZJONI U ENERĠIJA) li saret fi Brussell fit-3 ta' Diċembru 2014	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Infrastruttura tat-Trasport u n-Netwerk Trans-Ewropew	16363/14

It-3353 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (KOMPETITTIVITÀ (Suq Intern, Industrija, Riċerka u Spazju)) li saret Brussell fl-4 u l-5 ta' Diċembru 2014

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-infurzar tad-Dritt ta' Proprjetà Intellettuali (IPR)	15321/14
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 2/2014 tal-Qorti tal-Awdituri: L-arranġamenti kummerċjali preferenzjali huma ġestiti b'mod xieraq?	13205/14 REV 2
2014/953/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Diċembru 2014 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja, tal-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Konfederazzjoni Svizzera li jassoċja l-Konfederazzjoni Svizzera mal-Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u mal-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika li jikkumplimenta l-Orizzont 2020, u li jirregola l-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera fl-attivitajiet tal-ITER imwettqa mill-Fużjoni għall-Enerġija ĠU L 370, 30.12.2014, p. 1-2	15364/14

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

"Il-Kummissjoni tieħu nota li ntlaħaq qbil b'unanimità dwar l-Artikolu 2 tal-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-firma u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim. Il-Kummissjoni tfakkar il-fehmiet tagħha li l-iffirmar ta' ftehim internazzjonali hu att ta' rappreżentanza esterna tal-Unjoni, li l-Kummissjoni hija fdata tagħmel skont l-Artikolu 17(1) tat-TUE".

2014/954/Euratom: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Diċembru 2014 li tapprova l-konklużjoni mill-Kummissjoni Ewropea, f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, tal-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Konfederazzjoni Svizzera li jassoċja l-Konfederazzjoni Svizzera mal-Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u mal-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika li jikkumplimenta l-Orizzont 2020, u li jirregola l-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera fl-attivitajiet tal-ITER imwettqa mill-Fużjoni għall-Enerġija
ĠU L 370, 30.12.2014, p. 19-20

15372/14

Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal ftehim li jemenda l-Ftehim dwar it-trasport internazzjonali okkażjonali ta' passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank (Ftehim Interbus), bil-għan li jtkabbar l-ambitu ġeografiku tiegħu u għal ftehim dwar it-trasport internazzjonali regolari ta' passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank	15601/14
Dikjarazzjoni mir-Rumanija Ir-Rumanija tappoġġa bis-sħiħ l-oġġettiv tal-konklużjoni dwar ftehim li jemenda l-"Ftehim Interbus" dwar it-trasport internazzjonali okkażjonali ta' passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank biex jtkabbar l-ambitu ġeografiku tiegħu u għal ftehim dwar it-trasport regolari internazzjonali ta' passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank. Ir-Rumanija temmen bis-sħiħ li din ir-reviżjoni ser tkun fl-interess kemm tal-Istati Membri tal-UE kif ukoll tal-pajjiżi ġirien tal-UE. Madankollu, ir-Rumanija hija mħassba li matul in-negozjati, li jistgħu jieħdu tul ta' żmien, mhux ser ikun possibbli għall-Istati Membri li jirrevedu u jaġġornaw il-ftehimiet bilaterali eżistenti, anki jekk dan ikun meħtieġ. Dan jista' jkollu impatt negattiv fuq ir-relazzjonijiet bilaterali tal-Istati Membri mal-pajjiżi ġirien. F'dan il-kuntest, ir-Rumanija tesprimi t-tama tagħha li n-negozjati jiġu konklużi malajr u tfakkar li kooperazzjoni leali titlob skambju adatt ta' informazzjoni bejn l-istituzzjonijiet Ewropej u l-Istati Membri u dan għandu jippermetti li dawn tal-aħħar iżommu l-kooperazzjoni funzjonali tagħhom f'dan il-qasam mal-pajjiżi ġirien.	

Dikjarazzjoni mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja

Il-Gvern tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja jżomm l-opinjoni tiegħu, jiġifieri li mhux ser jaqbel dwar mandat ta' negozjar għall-Kummissjoni Ewropea jekk dan il-mandat jagħti wkoll is-setgħa lill-Kummissjoni li tinneozja, fi ftehim Komunitarju, ir-regoli li jirregolaw taxxa fuq il-vetturi bil-mutur, b'mod partikolari l-eżenzjoni reċiproka, ma' pajjiżi terzi.

Ir-regoli fiskali m'għandhom qatt ikunu komponent ta' atti legali relatati mat-trasport. Il-Gvern tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja huwa tal-fehma li mandat ta' negozjar, flimkien ma' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehim Interbus imkabbar, għandu fi kwalunkwe każ ikun ukoll ibbażat fuq l-Artikolu 113 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Il-Ġermanja għalhekk tilqa' l-opinjoni tas-Servizz Legali tal-Kunsill dwar id-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea b'konnessjoni mal-għoti tal-mandat ta' negozjar dwar il-Ftehim Interbus. L-istess japplika għad-dikjarazzjonijiet li saru dwar il-ħruġ ta' linji gwida għan-negozjar.

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

"Il-Kummissjoni ma tqisx li hu meħtieġ li Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati tindika bażi legali sostantiva.

Il-Kummissjoni se tmexxi n-negozjati f'konformità mar-regoli stabbiliti fit-Trattati, b'mod partikolari b'konsultazzjoni mal-kumitat speċjali maħtur mill-Kunsill. Madankollu, il-Kummissjoni ma tqisx li l-kumitat speċjali (jew tabilħaqq il-Kunsill) jista' jiddeċiedi dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, tkun xi tkun il-forma, u lanqas li dan il-kumitat (jew il-Kunsill) jista' jistabbilixxi gwida li għandha titqies b'mod obbligatorju min-negozjatur f'sessjonijiet ta' negozjar rilevanti. Il-Kummissjoni hija wkoll tal-fehma li l-Kunsill ma jistax jimponi xi obbligu fuq in-negozjatur dwar it-tmexxija tan-negozjati.

Il-Kummissjoni tfakkar li, safejn din tikkonċerna l-kompetenza esklużiva tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom id-dritt li jadottaw atti li jorbtu legalment, inklużi r-rieżami, in-negozjar mill-ġdid u l-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali bilaterali biss safejn ikunu awtorizzati biex jagħmlu dan mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Setgħa ta' dan it-tip ma tistax tiġi prevista f'direttivi ta' negozjar indirizzati lill-Kummissjoni.

Fir-rigward tal-informazzjoni li l-Istati Membri għandhom l-impenn li jipprovdu lill-Kummissjoni dwar l-attivitajiet internazzjonali tagħhom f'dan il-qasam, il-Kummissjoni tfakkar li l-kooperazzjoni legali teħtieġ li tali informazzjoni tiġi pprovduta qabel il-bidu ta' kwalunkwe negozjar.

Il-Kummissjoni se taġixxi skont it-Trattati, kif spjegat hawn fuq."

Dikjarazzjoni kuntrarja tal-Kunsill: "Il-Kunsill jikkunsidra li d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni tinterpreta ħażin it-Trattat u l-każistika rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja, kif inhu spjegat fl-opinjoni tas-Servizz Legali tal-Kunsill. Madankollu, billi dawn il-kwistjonijiet huma attwalment quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kunsill ma jqisx li huwa adatt li jidħol f'diskussjoni pubblika u rifjut dettaljat tad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni."	
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 10/2014 mill-Qorti tal-Awdituri dwar "L-effettività tal-appoġġ għall-akkwakultura mill-Fond Ewropew għas-Sajd"	15537/14
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Regolamentazzjoni Intelliġenti	16000/14
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-ġestjoni tar-riskju doganali: L-indirizzar ta' riskji, it-tisħiħ tas-sigurtà tal-katina tal-provvista u l-iffaċilitar tal-kummerċ	15403/14
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Aġenda tal-Kompetittività Industrijali	15890/14
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tisħiħ tat-turiżmu permezz tal-promozzjoni tal-wirt kulturali, naturali u marittimu tal-Ewropa	16535/14
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran	16421/14

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport ta' Progress tal-2014 dwar iż-Żona Ewropea tar-Riċerka	16599/14
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Riċerka u l-Innovazzjoni bħala sorsi ta' tkabbir imġedded	16425/14
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Insejsu r-rinaxximent Ewropew tal-ispazju: direzzjonijiet u sfidi futuri"	16502/14
Dikjarazzjoni mill-Awstrija L-Awstrija tilqa' l-konklużjonijiet tal-Kunsill, iżda tinnota fir-rigward tal-punt 11 li dan mhuwiex il-post adatt biex jiġu diskussi sistemi ta' inġenji tal-ajru ppilotati mill-bogħod (RPAS - drones). Dawn is-sistemi ta' inġenji tal-ajru mhumix inġenji tal-ispazju bħala tali u għalhekk ma jaqgħux fl-ambitu tal-politika spazjali Ewropea. F'dan ir-rigward, irridu niġbdu l-attenzjoni li sar dibattitu ta' orjentazzjoni dwar l-użu ċivili sigur u sostenibbli ta' sistemi ta' inġenji tal-ajru ppilotati mill-bogħod fil-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija) fit-8 ta' Ottubru 2014. F'dik il-laqgħa, l-Awstrija, flimkien ma' Stati Membri oħra, esprimiet tħassib dwar l-RPAS (primarjament għal raġunijiet ta' sikurezza tal-inġenji tal-ajru u t-titjiriet, u l-protezzjoni tad-data) li għadhom ma ġewx indirizzati. Il-kwistjoni sensittiva tal-RPAS għalhekk għandha tibqa' tiġi ttrattata fil-futur mill-Ministri responsabbli għat-trasport bl-ajru. Dawn il-konklużjonijiet m'għandhom bl-ebda mod jippreġudikaw negozjati futuri. Barra minn hekk, nixtiequ nindikaw li l-Awstrija dejjem sostniet li l-attivitajiet tal-Ewropa marbuta mal-ispazju għandhom jiffokaw fuq użi paċifiċi. L-Awstrija tifhem li l-konklużjonijiet ifissru li dan ser ikompli jkun l-għan fil-futur.	

Proċedura bil-miktub konkluża fil-4 ta' Diċembru 2014	
ATTI MHUX LEĖISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/872/PESK tal-4 ta' Diċembru 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina, u d-Deċiżjoni 2014/659/PESK li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK ĠU L 349, 5.12.2014, p. 58-60	15046/14 REV 3
Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1290/2014 tal-4 ta' Diċembru 2014 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina, u jemenda r-Regolament (UE) Nru 960/2014 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 ĠU L 349, 5.12.2014, p. 20-24	15638/14 REV 1

It-3354 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (ĠUSTIZZJA U AFFARIJIET INTERNI), li saret fi Brussell fl-4 u l-5 ta' Diċembru 2014

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol tal-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi fil-ġlieda kontra l-kriminalità fil-qasam alimentari	15623/14
Risoluzzjoni tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' netwerk operazzjonali - @ON - biex jiġġieled kontra gruppi tal-kriminalità serja u organizzata tat-tip mafjuż	14929/14
2014/911/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Diċembru 2014 dwar it-tnedija ta' skambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' data dattiloskopika fil-Latvja ĠU L 360, 17.12.2014, p. 28-29	15445/14
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Strateġija ta' Ġestjoni tal-Infurmazzjoni (IMS) aġġornata għas-sigurtà interna tal-UE	15701/14 REV 1
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-iżvilupp ta' Strateġija ta' Sigurtà Interna mġedda għall-Unjoni Ewropea	15670/14
Dikjarazzjoni mir-Renju Unit Filwaqt li jfakkar li l-mandat tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali huwa limitat biex din twettaq il-kompiti tagħha fi ħdan dak li kien l-ewwel pilastru – u ma jinkludix il-Kooperazzjoni tal-Pulizija u Ġudizzjarja f'Materji Kriminali – ir-Renju Unit jinnota li r-rwol tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali fi ħdan l-implimentazzjoni ta' aspetti tal-ĠAI tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna għandu jkun iffukat fuq il-ħidma fil-qasam tas-sigurtà fil-fruntieri.	
Konklużjonijiet tal-Kunsill "It-taħriġ tal-ġuristi: għodda essenzjali biex jiġi kkonsolidat l-acquis tal-UE"	16142/14

Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar il-ġlieda kontra l-infiltrazzjoni tal-kriminalità organizzata fl-ekonomija legali permezz tat-traċċabbiltà u l-monitoraġġ tal-fluss finanzjarju, b'mod partikolari rigward l-akkwist pubbliku	13311/14
2014/888/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Diċembru 2014 dwar l-approvazzjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll għall-Konvenzjoni dwar il-Garanziji Internazzjonali fuq Tagħmir Mobbli għal Kwistjonijiet Speċifiċi tal-Vetturi Ferrovjarji, adottat fil-Lussemburgu fit-23 ta' Frar 2007 ĠU L 353, 10.12.2014, p. 9-12	15113/13
2014/887/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Diċembru 2014 dwar l-approvazzjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Aja tat-30 ta' Ġunju 2005 dwar Ftehimiet dwar l-Għażla tal-Forum ĠU L 353, 10.12.2014, p. 5-8	12052/14
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-sostenibbiltà tal-e-CODEX	15774/14
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal	15559/14

It-3355 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (TRASPORT, TELEKOMUNIKAZZJONI U ENERĠIJA) li saret fi Brussell fid-9 ta' Diċembru 2014

ATTI LEĠISLATIVI

ATT	DOKUMENT	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTAZZJONI
Pożizzjoni (UE) Nru 2/2015 tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 98/70/KE dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil u li temenda d-Direttiva 2009/28/KE dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli Adottata mill-Kunsill fid-9 ta' Diċembru 2014 ĠU C 50, 12.2.2015, p. 1-25	10710/14 + REV 2 ADD 1	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, minbarra: Kontra: BE Astensjoni: PT

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

"Il-Kummissjoni jisgħobbiha li, fir-rigward tal-proposta oriġinali tagħha, il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari baxxiet b'mod sinifikanti l-livell ta' ambizzjoni biex jitnaqqas l-impatt tal-ILUC ta' bijokarburanti konvenzjonali u ma tinkludi l-ebda inċentivi sinifikanti għat-tranżizzjoni għal bijokarburanti avvanzati u alternattivi oħra li ma jinvolvux ILUC għall-użu ta' enerġija rinnovabbli fit-trasport. Il-Kummissjoni jisgħobbiha wkoll li l-modifiki introdotti mill-Kunsill inaqqsu l-livell ta' ambizzjoni ambjentali tal-mira ġenerali għall-enerġija rinnovabbli stabbilita fid-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli.

Madankollu, sabiex il-proċess legiſlattiv jimxi 'l quddiem, il-Kummissjoni mhix se topponi l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari.

Għalhekk, il-Kummissjoni ser tkompli tikkoopera mill-qrib mal-koleġislaturi fil-passi li jmiss tal-proċedura legiſlattiva. Il-Kummissjoni għandha l-għan li żżomm l-elementi tal-proposta li jistgħu jikkontribwixxu biex itaffu l-impatti tal-ILUC u tippreserva l-livell ġenerali ta' ambizzjoni ambjentali tal-użu tal-bijokarburanti fit-trasport, inklużi xi elementi li huma parti mill-pożizzjoni fl-ewwel qari tal-Parlament Ewropew. Il-Kummissjoni se tagħmel dan bit-tama li tinstab soluzzjoni li tirrifletti l-interess Ewropew fil-ġlieda kontra l-effetti ambjentali negattivi tal-bijokarburanti konvenzjonali."

Dikjarazzjoni mid-Danimarka u l-Lussemburgu

Id-Danimarka u l-Lussemburgu jappoġġaw il-qbil politiku milhuk dwar il-bidliet ippjanati għad-Direttiva bl-għan li jiġu evitati l-bidliet fl-użu indirett tal-art b'rabta mal-użu tal-bijokarburanti.

Matul it-trilogi, madankollu, id-Danimarka u l-Lussemburgu ser jappoġġaw it-titjib li jżid l-effett tad-Direttiva, inkluż sens aktar vinkolanti tal-mira għall-bijokarburanti avanzati u indirizzar aktar deċiżiv tal-kwistjoni ILUC.

Id-Danimarka u l-Lussemburgu għal darb'oħra jikkonfermaw il-pożizzjoni tagħhom li l-għadd multiplu ta' enerġiji rinnovabbli għall-mira ġenerali għandu jiġi evitat peress li dan iwassal effettivament għal tnaqqis tal-valuri fil-mira għall-enerġiji rinnovabbli maqbula fl-2009. Dan l-inċentiv għal ċerti bijokarburanti għandu jkun applikabbli biss għall-mira settorjali għat-trasport."

Dikjarazzjoni mill-Awstrija, ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija u s-Slovakkja

"L-Awstrija, ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija u s-Slovakkja jixtiequ jesprimu t-tfassib tagħhom dwar is-sitwazzjoni persistentement insodisfaċenti fir-rigward tar-rikonoxximent reċiproku tas-sistemi ta' ċertifikazzjoni, li hija r-riżultat tal-fatt li ma nkisbitx unanimià għall-proposta tal-Kummissjoni Ewropea dwar soluzzjoni temporanja.

Barra minn hekk, aħna mħassbin dwar il-fatt li s-sistema ġdida tar-rikonoxximent reċiproku tas-sistemi ta' ċertifikazzjoni nazzjonali dwar il-kriterji ta' sostenibbiltà għall-bijokarburanti u l-bijoliki mhux ser tidħol fis-seħħ qabel il-ħsad 2014. Bil-kontra, din is-sitwazzjoni inaċċettabbli, li tista' tfixxkel is-suq intern, tista' tibqa' sena jew sentejn aktar.

Għalhekk sabiex jiġi garantit suq intern li jiffunzjona tajjeb irridu nappellaw lill-Kummissjoni Ewropea biex b'mod urġenti telabora soluzzjoni aċċettabbli, li tippermetti bidla fluwenti għaċ-ċertifikati minn sistema għal oħra. L-Awstrija, ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija u s-Slovakkja jibqgħu disposti għal kull approċċ ta' suċċess."

Dikjarazzjoni mill-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Franza, Spanja, l-Ungerija, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja

Il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Franza, Spanja, l-Ungerija, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja japprezzaw l-isforzi tal-Presidenza Ellenika għall-kisba ta' kompromess u minkejja t-tħassib fir-rigward ta' xi elementi tiegħu jikkonfermaw l-appoġġ għall-pakkett ta' kompromess.

Madankollu, għandu jiġi enfasizzat li soluzzjonijiet adottati għandhom impatt sinifikanti fuq l-investimenti li diġà ġew stabbiliti. F'dan ir-rigward, nemmnu li porzjon ta' 7% tal-enerġija mill-bijokarburanti prodotti miċ-ċereali u uċuħ għelejjel oħra b'kontenut għoli ta' lamtu, u minn għelejjel taz-zokkor u taż-żejt huwa l-aktar livell baxx aċċettabbli li jiżgura l-livell ta' mira xieraq ta' stabbiltà

Fir-rigward ta' dan ta' hawn fuq, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Franza, Spanja, l-Ungerija, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja se jkomplu jappoġġaw id-Direttiva matul il-proċess ta' leġislazzjoni biss jekk din il-kwistjoni kruċjali mhux ser tkun soġġetta għal kwalunkwe modifika ulterjuri.

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
2014/889/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Diċembru 2014 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li se tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar l-adeżjoni tas-Seychelles mal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ ĠU L 353, 10.12.2014, p. 13-14	14899/14

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

'Il-Kummissjoni tilqa' l-adozzjoni tad-Deċizzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni tal-UE favur l-adeżjoni tar-Repubblika tas-Seychelles.

Il-Kummissjoni tinnota li huwa propost li tiġi adottata Deċizzjoni tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar din l-adeżjoni permezz ta' qbil komuni fir-rigward tal-pożizzjoni tal-Istati Membri fid-WTO. Il-Kummissjoni tinnota li kien ikun possibbli li tiġi adottata deċizzjoni tal-UE li kienet tirrendi mhux meħtieġa tali deċizzjoni separata.

Dikjarazzjoni mill-Irlanda

Id-dispożizzjonijiet relatati mal-preżenza temporanja ta' persuni fiżiċi għal finijiet ta' negozju inklużi fid-Deċizzjoni(jiet) (t'hawn fuq) huma vinkolanti għall-Irlanda biss bħala parti mill-Unjoni fejn din tkun innotifikat ix-xewqa tagħha li tipparteċipa fid-Deċizzjoni(jiet) t'hawn fuq f'konformità mal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tal-Irlanda u r-Renju Unit fir-rigward tal-qasam tal-Libertà, is-Sigurtà u l-Ġustizzja. L-Irlanda tiżgura li l-preżenza temporanja ta' persuni fiżiċi għal finijiet ta' negozju tiġi permessa f'konformità ma' dawk id-dispożizzjonijiet.

Dikjarazzjoni mir-Renju Unit

Id-dispożizzjonijiet relatati mal-preżenza temporanja ta' persuni fiżiċi għal finijiet ta' negozju inklużi fid-Deċizzjoni t'hawn fuq huma vinkolanti fuq ir-Renju Unit biss bħala parti mill-Unjoni fejn dan ikun innotifika x-xewqa tiegħu li jipparteċipa fid-Deċizzjoni t'hawn fuq f'konformità mal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-qasam tal-Libertà, is-Sigurtà u l-Ġustizzja."

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tlestija tas-Suq Intern tal-Enerġija

16037/14

It-3356 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJET EKONOMIĊI U FINANZJARJI) li saret fi Brussell fid-9 ta' Diċembru 2014**ATTI LEĠISLATIVI**

ATT	DOKUMENT	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTAZZJONI
Direttiva tal-Kunsill 2014/107/UE tad-9 ta' Diċembru 2014 li temenda d-Direttiva 2011/16/UE fir-rigward tal-iskambju awtomatiku obbligatorju ta' informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni ĠU L 359, 16.12.2014, p. 1-29	14425/14	B'unanimità	L-Istati Membri kollha favur
Dikjarazzjoni mill-Awstrija "L-Awstrija timpenja ruħha li tagħmel l-aħjar sforzi tagħha biex – jekk ikun teknikament fattibbli – tiżgura li l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni fuq il-bażi tad-Direttiva riveduta dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva jiġi implimentat qabel it-30 ta' Settembru 2018."			
Dikjarazzjoni mill-Kunsill "B'kont meħud tal-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2013, u sabiex ikun hemm transizzjoni bla xkiel għall-istandard globali uniku l-ġdid, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta biex tiġi revokata d-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq it-Tfaddil (2003/48/KE tat-3 ta' Ġunju 2003), kif emendata, u biex tikkoordina r-revoka ta' dik id-Direttiva mad-data tal-applikazzjoni tad-Direttiva riveduta dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva b'konsiderazzjoni xierqa tad-deroga pprovduta fiha għall-Awstrija. F'dan ir-rigward, għandu jiġi żgurat li d-Direttiva 2003/48/KE tat-3 ta' Ġunju 2003 tibqa' tapplika għal dan l-Istat Membru matul il-perijodu tad-deroga."			

Dikjarazzjoni mill-Kunsill "Il-Kunsill jikkonferma l-importanza tar-reviżjoni tal-ftehimiet ta' tfaddil eżistenti tal-UE ma' Andorra, il-Liechtenstein, Monako, San Marino u l-Isvizzera biex ikunu konformi mal-Istandard Globali dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni."	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
2014/899/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Diċembru 2014 li tikkonċerna l-adeżjoni tal-Kroazja mal-Konvenzjoni tat-23 ta' Lulju 1990 dwar l-eliminazzjoni tat-taxxa doppja f'konnessjoni mal-aġġustament tal-qliġ ta' intrapriżi assoċjati ĠU L 358, 13.12.2014, p. 19-24	15224/14
Dikjarazzjoni mill-Kroazja "It-terminu 'penali serja' jfisser penali għar-reati relatati mat-taxxa kollha stabbiliti fl-Att Ġenerali tat-Taxxa u liġijiet fiskali speċjali, u penali għal reati ekonomiċi stabbiliti fil-Kodiċi Kriminali."	
Dikjarazzjoni mill-Irlanda "L-Irlanda tikkunsidra bħala 'penali serji' dawk fejn qed isiru, jew ikunu saru proċedimenti kriminali, fil-każ partikolari meta jkun hemm suspett dwar l-evażjoni serja tat-taxxa."	

Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni sabiex tiftaħ in-negozjati dwar ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u n-Norveġja dwar il-kooperazzjoni amministrattiva, il-ġlieda kontra l-frodi u l-irkupru tal-pretensjonijiet fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud	15942/14
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Finanzi għat-Tkabbir u Finanzjament fit-Tul tal-Ekonomija Ewropea	16183/14
Dikjarazzjoni mill-Ġermanja "Il-Ġermanja tilqa' l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill. Madankollu, bħalissa ma tara l-ebda hteġa għal riforma ulterjuri tal-qafas tal-kontabbiltà tal-UE wara li reċentement daħlet fis-seħħ id-Direttiva dwar il-Kontabbiltà 2013/34/UE u li waslet biex tiġi implimentata mill-Istati Membri."	
2014/919/UE: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Diċembru 2014 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/463/UE li tapprova l-programm ta' aġġustament makroekonomiku għal Ċipru ĠU L 363, 18.12.2014, p. 145-148	12663/14

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi)	16846/14
Dikjarazzjoni mill-Pajjiżi l-Baxxi Il-Pajjiżi l-Baxxi jappoġġaw bis-sħiħ l-oġettiv li jintemm l-ippjanar aggressiv tat-taxxa u l-waqfien tas-sistema ta' inċentivi tat-taxxa favur il-privattivi/l-innovazzjoni li jinkoraġġixxu t-trasferiment tal-profitt u l-waqfien tal-kummerċ tal-privattivi unikament għall-fini li jitmexxew għall-aktar sistema tat-taxxa favorevoli. Il-Pajjiżi l-Baxxi għalhekk jilqgħu l-proposta Ġermaniża-Brittanika dwar l-approċċ nexus modifikat u jappoġġaw regoli aktar stretti dwar ir-reġimi ta' proprjetà intellettuali (PI) fost l-oħrajn il-formula għal-livell ta' nefqa kwalifikata (tneħħija), sistema ta' lokalizzazzjoni u traċċar u li jiġu esklużi marki kummerċjali u l-kummerċjalizzazzjoni mir-reġim tal-PI. Definizzjoni inklużiva ta' 'assi tal-PI', jiġifieri riċerka u żvilupp ta' privattivi u nonprivattivi, jgħinu fil-promozzjoni tal-innovazzjoni fl-UE, u b'hekk l-UE tkun tista' tikkompeti fl-arena globali għall-ġharfien u l-ideat u jinkisbu l-għanijiet tagħna tal-Ewropa 2020. L-għan tal-UE hu li tingħata spinta reali lill-innovazzjoni inkluża l-innovazzjoni fl-SMEs. L-SMEs fil-prattika jiġu esklużi mis-sistemi puri ta' inċentivi tat-taxxa favur il-privattivi, peress li applikazzjoni għal privattiva f'ħafna każijiet tiswa wisq flus għall-SMEs. Huwa evidenti li l-SMEs għandhom 'nexus' suffiċjenti mal-Istat Membru. Tali definizzjoni inklużiva ta' 'assi tal-PI' għandha titfassal fl-OECD. Għall-Pajjiżi l-Baxxi hu importanti li s-sistemi tal-PI ma jkunux limitati għal privattivi, iżda jkunu jistgħu jkopru wkoll innovazzjonijiet oħra li jirriżultaw mir-R&Ż, dment li dawn l-attivitajiet ikunu ġew ċertifikati minn awtorità kompetenti tal-gvern (li m'humiex l-awtoritajiet tat-taxxa), b'tali mod li r-rabta bejn ir-R&Ż, l-assi tal-PI u l-profitti (lokalizzazzjoni u traċċar) jistgħu jiġu żgurati.	

It-3357 laqgħa tal-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA (Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur) li saret fi Brussell fil-11 ta' Diċembru 2014

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

ATT

DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET

Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill dwar ir-rieżami tal-implimentazzjoni tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Pekin mill-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE

16304/14

Dikjarazzjoni minn Malta Paragrafi 14, 16 u 20(k)

"Filwaqt li tirrikonoxxi l-kontribut tar-Rapport tal-EIGE "Pekin + 20: ir-4 Rieżami tal-Implimentazzjoni tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Pekin fl-Istati Membri tal-UE" u tirrikonoxxi li l-implimentazzjoni tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Pekin u l-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp għandha tabilħaqq tikkontribwixxi għall-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem kollha, Malta tixtieq tfakkar li kwalunkwe rakkomandazzjoni jew impenn min-naħa tal-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' oqsma ta' tħassib kritiċi taħt il-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Pekin, inkluż kwalunkwe żvilupp tal-indikaturi, m'għandu bl-ebda mod joħloq obbligu fuq kwalunkwe parti biex tqis l-*abort bħala forma leġittima ta' saħħa jew dritt jew komodità marbuta mar-riproduzzjoni.*"

Dikjarazzjoni mill-Ġermanja Paragrafu 20(i)

"Il-Ġermanja tilqa' l-Konklużjonijiet tal-Kunsill.

Rigward il-Paragrafu 20(i), il-Ġermanja tfakkar fir-Risoluzzjoni 68/309 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU, li fiha l-Assemblea Ġenerali tan-NU laqgħet ir-rapport tal-Grupp ta' Ħidma Miftuħ dwar l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u ddeċidiet li l-proposta tal-Grupp ta' Ħidma Miftuħ dwar l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli għandha tkun il-bażi prinċipali għall-integrazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli fl-aġenda ta' wara l-2015.

Il-Ġermanja tappoġġa d-deċiżjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU u timpenja ruħha li tippreserva s-sustanza tal-proposta fl-intier tagħha. F'dan il-kuntest, aħna nifhmu l-Paragrafu 20 (i) bħala konferma tal-proposta tal-Grupp ta' Ħidma Miftuħ."

Dikjarazzjoni mill-Ungerija

"Fl-adozzjoni tal-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Pekin ġie nnutat kunsens eċċezzjonali. Dawn poġġew it-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem fil-qalba tal-iżvilupp u minn meta ġew adottati saru kisbiet importanti fl-oqsma tas-saħħa, l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-edukazzjoni.

L-Ungerija tibqa' ddedikata lejn l-impenji tagħha fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u l-implimentazzjoni tal-Programm ta' Azzjoni u l-Pjattaforma ta' Azzjoni bħala punti primarji ta' referenza marbutin mat-termini: saħħa sesswali, saħħa riproduttiva u drittijiet riproduttivi. Billi t-terminu "is-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi" għadu mhux iddefinit, l-Ungerija tista' biss tinterpreta "is-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi" skont il-leġislazzjoni nazzjonali tagħha."

It-3358 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (EDUKAZZJONI, ŻGĦAŻAGĦ, KULTURA U SPORT) li saret fi Brussell fit-12 ta' Diċembru 2014

ATTI LEĠISLATIVI

ATT	DOKUMENT	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTAZZJONI
Deċiżjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2014 li tadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit il-ġdid tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2015 ĠU C 461, 20.12.2014, p. 13-14	16707/14	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, minbarra: Astensjoni: UK
Il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3/2014 għall-baġit ġenerali għall-2014	16707/14 ADD 8	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, minbarra: Kontra: NL, SE, UK
Il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4/2014 għall-baġit ġenerali għall-2014	16707/14 ADD 9	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 5/2014 għall-baġit ġenerali għall-2014	16707/14 ADD 10	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, minbarra: Astensjoni: UK
Il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 6/2014 għall-baġit ġenerali għall-2014	16707/14 ADD 11	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, minbarra: Astensjoni: UK

Il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 7/2014 għall-baġit ġenerali għall-2014	16707/14 ADD 12	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, minbarra: Astensjoni: UK
Il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 8/2014 għall-baġit ġenerali għall-2014	16707/14 ADD 13	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, minbarra: Astensjoni: UK
Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 6/2014 (riżorsi proprji) u l-emenda tar-Regolament tal-Kunsill 1150/2000 "Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill qablu li jadottaw l-abbozz ta' baġit emendatorju 6/2014 kif emendat bl-Ittra Emendatorja 1/2014. Fid-dawl tal-proposta tal-Kummissjoni li temenda r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1150/2000 li jimplimenta d-Deċizzjoni 2007/436 (KE, Euratom) dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej ippreżentata mill-Kummissjoni fit-12 ta' Novembru 2014, il-Parlament Ewropew jimpenja ruħu li jagħti l-opinjoni tiegħu dwar ir-Regolament emendat 1150/2000 fil-ħin sabiex jiżgura li dan jiġi adottat fis-sessjoni plenarja tal-PE ta' Diċembru 2014 u li l-Kunsill jadottah bħala parti mill-pakkett ġenerali."			

Dikjarazzjoni konġunta dwar il-mobilizzazzjoni tal-Marġini ta' Kontinġenza

"Is-sena 2014 rat ammont kbir, mingħajr preċedent, ta' pagamenti pendenti ta' fondi strutturali u fondi ta' koeżjoni fil-bidu tal-qafas finanzjarju, filwaqt li għadd ta' programmi ġodda ngħataw il-flus minn ħafna qabel. Minħabba din is-sitwazzjoni unika u eċċezzjonali, li ma tistax tiġi akkomodata fil-limitu massimu ta' pagament għall-2014, it-tliet istituzzjonijiet jaqblu li l-Marġini ta' Kontinġenza jiġi mobilizzat għas-sena finanzjarja 2014 bħala l-aħħar istanza.

L-istituzzjonijiet ifakkru li l-Artikolu 13 tar-Regolament dwar il-QFP jistipula li "L-ammonti magħmulin disponibbli permezz tal-mobilizzazzjoni tal-Marġini ta' Kontinġenza għandhom jiġu kollha kkompensati mal-marġini f'waħda jew aktar mill-intestaturi tal-QFP għas-sena finanzjarja attwali jew dawk futuri".

L-istituzzjonijiet jaqblu li jagħmlu l-almu tagħhom biex isibu soluzzjonijiet adatti sabiex il-livell eċċezzjonalment għoli ta' pagamenti pendenti tal-fondi strutturali u ta' koeżjoni tal-perijodu 2007-2013 ma jkomplux wara l-2014 u li, għalhekk, ser isir kull sforz biex jiġi żgurat li l-Marġini ta' Kontinġenza ma jiġix mobilizzat biex jiffinanzja l-impenji pendenti li jirriżultaw minn programmi għall-fondi strutturali u ta' koeżjoni fis-snin finanzjarji 2015-2020."

Dikjarazzjoni konġunta dwar strumenti speċjali

"L-istituzzjonijiet ifakkru li l-Marġini ta' Kontinġenza huwa strument tal-aħħar istanza li għalhekk ma għandux jiġi mobilizzat jekk ikun għad hemm possibbiltajiet finanzjarji. Fil-qafas tal-baġit ġenerali għall-2014 hemm nuqqas ta' qbil dwar jekk l-ammont ta' EUR 350 miljun f'appropriazzjonijiet ta' pagament li jkopri strumenti speċjali oħra għadux disponibbli fil-marġini mhux allokat.

L-istituzzjonijiet jaqblu li huwa importanti ferm li jintlaħaq qbil fil-prinċipju dwar il-mobilizzazzjoni ta' strumenti speċjali oħra għall-pagamenti malajr kemm jista' jkun.

Madankollu, peress li ma kienx possibbli li jintlaħaq tali qbil fil-kuntest tan-negozjati tal-pakkett li jkopri l-ABE għall-2014 u l-baġit ġenerali għall-2015, l-istituzzjonijiet jaqblu li sabiex jiġi żgurat li dak il-pakkett jiġi adottat fil-ħin:

- l-ammont ta' EUR 350 miljun f'appropriazzjonijiet ta' pagament jiżdied mal-Marġini ta' Kontinġenza;
- isir sforz biex jintlaħaq ftehim rapidu dwar jekk u sa fejn strumenti speċjali oħra jistgħu jiġu mobilizzati lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP għall-pagamenti bil-ħsieb li jiġi stabbilit jekk u sa fejn l-ammont ta' EUR 350 miljun għandu jiġi kkompensat skont il-marġnijiet tal-QFP għal pagamenti għas-snin finanzjarji attwali jew dawk futuri;
- dan ta' hawn fuq jiġi akkumpanjat – kif adatt – bil-modifiki meħtieġa tad-deċiżjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-Marġini ta' Kontinġenza għas-sena baġitarja 2014, jew bi kwalunkwe azzjoni oħra meħtieġa legalment biex tiġi żgurata l-osservanza sħiħa tar-Regolament dwar il-QFP u b'mod partikolari l-Artikolu 13(3) tiegħu."

Dikjarazzjoni konġunta dwar il-finanzjament ta' miżuri ta' emerġenza b'reazzjoni għal projbizzjoni Russa fuq l-importazzjoni tal-ikel

"Wara l-projbizzjoni Russa fuq l-importazzjoni tal-ikel, f'Awwissu u f'Settembru 2014 ġew adottati sensiela ta' miżuri ta' emerġenza, u fis-26 ta' Novembru 2014 ġie approvat pakkett ieħor immirat lejn is-settur tal-prodotti tal-ħalib fl-Istati Baltiċi. Hekk kif jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet li josservaw il-kriterji oġġettivi meħtieġa għall-eliġibbiltà, il-Kummissjoni tista' tippromponi pakkett ieħor immirat lejn is-settur tal-prodotti tal-ħalib fil-Finlandja.

Fl-Ittra Emendatorja tagħha (AL) 1/2015, il-Kummissjoni ħabbret l-intenzjoni tagħha li tiffinanzja, jekk meħtieġ, dawn il-miżuri permezz tar-riżerva għall-kriżijiet.

Mill-preżentazzjoni tal-ittra emendatorja AL 1/2015 'il hawn, feġġew dawn it-tliet elementi ġodda, li permezz tagħhom jistgħu jiġu ffinanzjati dawn il-miżuri ta' emerġenza mingħajr ma tintuża r-riżerva għall-kriżi:

- skont id-dikjarazzjonijiet tal-Istati Membri dwar l-użu proprju tal-miżuri adottati f'Awwissu u Settembru, l-ispiża titnaqqas minn EUR 344 miljun kif stmata inizjalment għal madwar EUR 234 miljun;
- l-eċċess finali tal-eżerċizzju tal-FAEG tal-2014 huwa madwar EUR 230 miljun ogħla milli antiċipat fl-Ittra Emendatorja AL 1/2015, li kien għadu bbażat fuq stimi;
- il-korrezzjonijiet finanzjarji li għandhom jinġabru fl-2015 huma mistennija li jkunu ogħla minn kif kienu previsti inizjalment f'Ottubru li għadda."

Abbażi ta' dawn it-tliet elementi l-ġodda, il-miżuri ta' emerġenza msemmija hawn fuq (inklużi dawk relatati mas-settur tal-prodotti tal-ħalib fl-Istati Baltiċi, u għall-Finlandja ladarba jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet) jistgħu jiġu ffinanzjati fi ħdan l-appropriazzjonijiet mitluba fl-Ittra Emendatorja AL 1/2015 bis-saħħa ta' dan id-dħul assenjat addizzjonali mingħajr ma nirrikorru għar-riżerva għall-kriżi."

Dikjarazzjoni konġunta dwar l-appropriazzjonijiet ta' pagament

"Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jfakkru fir-responsabbiltà kondiviża tagħhom, kif stabbilit fl-Artikolu 323 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li 'il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jassiguraw li jkun hemm disponibbli l-mezzi finanzjarji sabiex jippermettu li l-Unjoni tissodisfa l-obbligi legali tagħha fir-rigward ta' partijiet terzi'.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ifakkru fil-ħtieġa li tiġi żgurata, fid-dawl tal-implimentazzjoni, il-progressjoni ordnata tal-pagamenti b'rabta mal-appropriazzjonijiet ta' impenn sabiex jiġi evitat kull livell anormali ta' fatturi mhux imħallsa fi tmiem is-sena.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jaqblu li jiffissaw il-livell tal-appropriazzjonijiet ta' pagament għall-2015 għal EUR 141 214 040 563. Huma jitolbu lill-Kummissjoni tniedi kwalunkwe azzjoni meħtieġa, abbażi tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar il-QFP u r-Regolament Finanzjarju, sabiex tiġi koperta r-responsabbiltà assenjata mit-Trattat u, b'mod partikolari, wara li tkun ġiet eżaminata l-possibiltà ta' riallokazzjoni tal-appropriazzjonijiet rilevanti, b'referenza partikolari għal kwalunkwe sottoimplimentazzjoni mistennija ta' appropriazzjonijiet (Regolament Finanzjarju Artikolu 41§2) biex titlob appropriazzjonijiet ta' pagament addizzjonali f'baġit emendatorju li għandu jiġi ppreżentat hekk kif jidher li l-appropriazzjonijiet imdaħħla fil-baġit tal-2015 ma jkunux suffiċjenti biex ikopru n-nefqa.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ser jieħdu pożizzjoni dwar kwalunkwe abbozz ta' baġit emendatorju malajr kemm jista' jkun sabiex jevitaw kwalunkwe nuqqas fl-appropriazzjonijiet ta' pagament. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jimpenjaw ruħhom li jipproċessaw malajr kwalunkwe trasferiment possibbli ta' appropriazzjonijiet ta' pagament, inkluż minn intestatura tal-qafas finanzjarju għal oħra, sabiex isir l-aħjar użu possibbli tal-appropriazzjonijiet ta' pagament imdaħħla fil-baġit u jallinjawhom mal-eżekuzzjoni u l-ħtiġijiet attwali.

Matul is-sena, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni ser jissorvejlaw b'mod attiv l-istat ta' implimentazzjoni tal-baġit għall-2015, b'mod partikolari taħt is-subintestatura 1a (Kompetittività għat-Tkabbir u l-Impjiegi), is-subintestatura 1b (Il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali) u l-iżvilupp rurali taħt l-intestatura 2 (Tkabbir Sostenibbli: Riżorsi Naturali). Dan ser jieħu l-forma ta' laqgħat interistituzzjonali speċifiċi, f'konformità mal-punt 36 tal-Anness tal-Ftehim Interistituzzjonali, sabiex jitqies l-istat tal-implimentazzjoni tal-pagamenti u l-previżjonijiet riveduti.

Dawn il-laqgħat għandhom isiru tal-anqas tliet darbiet fl-2015 (fir-rebbiegħa meta jiġi ppreżentat l-abbozz ta' baġit, f'Lulju qabel il-qari tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit għall-2016 u f'Ottubru qabel ma tibda l-Konċiljazzjoni) u għandhom ikunu f'livell politiku fil-preżenza ta' Membri tal-Parlament Ewropew, Membri tal-Kunsill u l-Viċi President tal-Kummissjoni għall-Baġit u r-Riżorsi Umani. Il-laqgħat għandu jkollhom l-għan li ssir valutazzjoni konġunta fil-livell meħtieġ tal-ħtiġijiet ta' pagament, ibbażati fuq analiżi bir-reqqa tal-kontijiet eżistenti li għandhom jiġu onorati legalment u l-istimi għall-bqija tas-sena N u s-sena N+1.

Dikjarazzjoni konġunta dwar pjan ta' pagament

"L-istituzzjonijiet jaqblu mal-għan li jitnaqqas il-livell ta' kontijiet mhux imħallsa, b'enfasi partikolari fuq il-politika ta' koeżjoni, fi tmiem is-sena sal-livell strutturali matul il-QFP attwali.

Sabiex jintlaħaq dan l-għan:

- il-Kummissjoni taqbel li tippreżenta, flimkien mal-konklużjonijiet konġunti dwar il-Baġit għall-2015, l-aktar previżjoni aġġornata tal-livell ta' kontijiet mhux imħallsa sa tmien l-2014; il-Kummissjoni ser taġġorna dawn iċ-ċifri u ser ttipprovdi xenarji alternattivi f'Marzu 2015 meta jkun hemm disponibbli stampa globali tal-livell ta' kontijiet mhux imħallsa fi tmiem l-2014, għall-biċċa l-kbira tal-oqsma ta' politika;
- abbażi ta' dan, it-tliet istituzzjonijiet ser jagħmlu hilitom biex jaqblu dwar livell massimu fil-mira tal-kontijiet mhux imħallsa fi tmiem is-sena li jistgħu jitqiesu bħala sostenibbli;
- abbażi ta' dan, u filwaqt li jirrispettaw ir-Regolament dwar il-QFP, il-pakketti finanzjarji maqbula tal-programmi kif ukoll kull ftehim vinkolanti ieħor, it-tliet istituzzjonijiet ser jimpenjaw ruħhom li jimplimentaw, mill-2015, pjan biex jitnaqqas il-livell ta' kontijiet mhux imħallsa li jikkorrispondu mal-implimentazzjoni tal-programmi tal-2007-2013 għal-livell maqbul komunament permezz tar-reviżjoni ta' nofs it-term tal-qafas finanzjarju pluriennali attwali. It-tliet istituzzjonijiet ser jilħqu qbil dwar dan il-pjan fi żmien debitu qabel ma jiġi ppreżentat l-abbozz ta' baġit għall-2016. Minħabba l-livell eċċezzjonalment għoli ta' kontijiet mhux imħallsa, it-tliet istituzzjonijiet jaqblu li jikkunsidraw kull mezz possibbli biex jitnaqqas il-livell ta' dawk il-kontijiet.

Kull sena, il-Kummissjoni taqbel li takkumpanja l-abbozz ta' baġit tagħha b'dokument li jevalwa l-livell ta' kontijiet mhux imħallsa u li jispjega l-mod kif l-abbozz ta' baġit ser jagħti lok għat-tnaqqis ta' dan il-livell u b'kemm. Dan id-dokument annwali ser iqis il-progress li jkun sar u ser jipproponi aġġustamenti għall-pjan skont iċ-ċifri aġġornati."

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-prefinanzjament ta' Programmi Operazzjonali fl-2014 u l-Inizjattiva favur l-Impjeg taż-Żgħażaġħ

"Fil-kuntest tal-implimentazzjoni f'waqtha u effettiva tal-QFP 2014-2020, il-Kummissjoni Ewropea tikkonferma l-prefinanzjament, fl-2014, ta' Programmi Operazzjonali li jkunu ġew formalment ippreżentati fl-2014 u li jissodisfaw il-kondizzjonijiet meħtieġa stabbiliti f'atti legali korrispondenti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tikkonferma li l-Inizjattiva favur l-Impjeg taż-Żgħażaġħ tibqa' prijorità politika għolja u li t-trasferiment ta' approprjazzjonijiet ta' pagament relatati mill-2014 għall-2015 mhux ser jittardja l-implimentazzjoni tagħha."

Dikjarazzjoni mill-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-istrumenti speċjali

"Il-Kunsill ifakkar li l-istrumenti speċjali jistgħu jiġu attivati biss biex jiġu indirizzati ċirkostanzi ġenwinament mhux previsti.

Huwa jfakkar li l-Marġini ta' Kontinġenza ma għandux iwassal biex jinqabżu l-limiti massimi tal-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

Fir-rigward ta' strumenti speċjali oħra, il-Kunsill ifakkar li l-Artikolu 3(2) tar-Regolament dwar il-QFP jiddikjara li l-appropriazzjonijiet ta' impenn jistgħu jiddaħħlu fil-baġit lil hinn mil-limiti massimi tal-intestaturi rilevanti.

Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex, meta tikkalkula l-marġini globali, taġixxi f'konformità mar-Regolament dwar il-QFP u mingħajr ma ssir ħsara għall-ftehim milħuq bejn it-tliet istituzzjonijiet dwar Dikjarazzjoni Konġunta dwar strumenti speċjali (3.3)."

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni (UE) 2015/421 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2014 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibilità ĠU L 68, 13.3.2015, p. 45-46	16708/14
Deċiżjoni (UE) 2015/422 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2014 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea ĠU L 68, 13.3.2015, p. 47-47	16709/14
Deċiżjoni (UE) 2015/436 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2014 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea ĠU L 72, 17.3.2015, p. 6-6	16710/14

Deċiżjoni (UE) 2015/437 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2014 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea ĠU L 72, 17.3.2015, p. 7-7	16711/14
Deċiżjoni (UE) 2015/435 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2014 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Marġini ta' Kontinġenza ĠU L 72, 17.3.2015, p. 4-5	16713/14
Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/901/PESK tat-12 ta' Diċembru 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja ĠU L 338, 13.12.2014, p. 28-29	15019/14
Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1323/2014 tat-12 ta' Diċembru 2014 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja ĠU L 358, 13.12.2014, p. 1-6	15154/14
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-intraprenditorija fl-edukazzjoni u t-taħriġ ĠU C 17, 20.1.2015, p. 2-7	14402/14
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-aċċess taż-żgħażaġh għad-drittijiet għat-trawwim tal-awtonomija u l-partekippazzjoni tagħhom fis-soċjetà ċivili ĠU C 18, 21.1.2015, p. 1-4	15613/14

It-3359 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJET BARRANIN) li saret fi Brussell fit-12 ta' Diċembru 2014

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Rwol aktar b'saħħtu tas-settur privat fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp: Perspettiva orjentata lejn l-azzjoni."	16123/14
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nutrizzjoni	16125/14
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Annwali tal-2014 dwar il-politiki ta' żvilupp u għajnuna esterna tal-Unjoni Ewropea u l-implimentazzjoni tagħhom fl-2013	14495/14

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Migrazzjoni fil-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp tal-UE	16901/14
Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati Afrikani tal-Punent, il-Komunità Ekonomika tal-Istati tal-Afrika tal-Punent (ECOWAS) u l-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Afrika tal-Punent (UEMOA) min-naħa l-waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra	13368/14
Dikjarazzjoni mill-Portugall "F'konformità mal-prinċipju tad-distribuzzjoni ta' kompetenzi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, kif definit mit-Trattati, id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika (FSE) bejn l-Istati Afrikani tal-Punent, l-ECOWAS, u l-UEMOA fuq naħa u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-oħra, m'għandhiex taffettwa l-awtonomija ta' deċiżjoni tal-Portugall dwar kwistjonijiet fil-kompetenza nazzjonali tiegħu, li d-deċiżjoni tiegħu li jkun marbut bil-Ftehim tiddependi fuq il-konklużjoni tal-proċeduri interni ta' ratifika, f'konformità mal-prinċipji u r-regoli kostituzzjonali tiegħu."	
It-3360 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AGRIKOLTURA U SAJD) li saret fi Brussell fil-15 u s-16 ta' Diċembru 2014	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2014 dwar l-għoti ta' għajnuna mill-Istat mingħand l-awtoritajiet tar-Repubblika ta' Ċipru fil-forma ta' eżenzjoni mit-taxxa fuq il-karburant tal-magni użat għal għanijiet agrikoli bejn l-1 ta' Lulju u l-31 ta' Diċembru 2014	15254/14
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 4/2014 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "L-integrazzjoni tal-oġġettivi ta' politika tal-ilma tal-UE mal-PAK: suċċess parzjali"	15563/14

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 8/2014 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Il-Kummissjoni mmaniġġjat b' mod effettiv l-integrazzjoni ta' appoġġ akkoppjat fl-Iskema ta' Pagament Uniku?"	15564/14
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 9/2014 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "L-appoġġ tal-UE għal investiment u promozzjoni għas-settur tal-inbid huwa mmaniġġjat tajjeb u r-riżultati tiegħu dwar il-kompetittività tal-inbejjed tal-UE huma dimostrati?"	15565/14
Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1367/2014 tal-15 ta' Diċembru 2014 li jiffissa għall-2015 u l-2016 l-opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tal-Unjoni għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond ĠU L 366, 20.12.2014, p. 1-14	15459/14
<u>Dikjarazzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni</u> dwar Paġella ħamra fiż-żoni VI, VII, VIII, IX, X "Il-Kunsill u l-Kummissjoni jirrikonoxxu li l-Istati Membri jimpenjaw ruħhom li jattwaw miżuri sal-31 ta' Mejju 2015 biex jiġu limitati l-qabdiet inċidentali tal-paġella ħamra fl-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali ta' VI, VII, u VIII. Il-Kunsill u l-Kummissjoni jimpenjaw ruħhom li jkollhom dawn il-miżuri evalwati mill-korpi xjentifiċi adattati matul l-2015, biex tiġi vvalutata l-effettività tal-miżuri implimentati u jekk humiex meħtieġa miżuri addizzjonali. Il-Kunsill u l-Kummissjoni jirrikonoxxu li l-paġella ħamra fiż-żona IX tista' titqassam bejn l-Atlantiku u l-Mediterran u għaldaqstant x'aktarx li tinqabad minn Stati Membri u pajjiżi terzi. Fid-dawl ta' dan, il-Kummissjoni ser tkompli tappoġġa l-kooperazzjoni li għaddejja mal-pajjiżi terzi rilevanti sabiex tittejjeb il-valutazzjoni xjentifika tal-istokk u biex jintlaħaq qbil dwar approċċ manijerjali konġunt malajr kemm jista' jkun. Il-Kummissjoni timpenja ruħha sabiex il-miżuri miftiehma skont l-approċċ manijerjali konġunt jiġu vvalutati xjentifikament mill-korpi xjentifiċi adattati u biex tiġi evalwata l-valutazzjoni xjentifika bil-għan li ssir proposta biex jiġu adattati l-livelli tal-qbid u ż-żona koperta mit-TAC f'konformità mal-valutazzjoni xjentifika. Rigward il-kwistjoni tad-daqs minimu għall-paġella ħamra, dan id-daqs minimu jeżisti għall-paġella ħamra maqbuda fil-Baħar Mediterran. Għaldaqstant paġella ħamra iżgħar milli suppost ma tistax, b'mod partikolari, tinbiegħ jew tiġi offruta għall-bejgħ fl-UE. Il-Kummissjoni ser teżamina l-aktar mod effettiv biex jintlaħaq daqs minimu ekwivalenti għall-paġella ħamra maqbuda fl-Atlantiku. Il-Kunsill u l-Kummissjoni jirrikonoxxu li l-miżuri nazzjonali huma attwati għall-ġestjoni tal-paġella ħamra fiż-żona X. Il-Kunsill u l-Kummissjoni jimpenjaw ruħhom li dawn il-miżuri jiġu evalwati xjentifikament mill-aktar fis possibbli sabiex jiġi vvalutat jekk dawn il-miżuri humiex effettivi u jekk humiex meħtieġa miżuri addizzjonali."	

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Grenadier

"Matul l-2015, il-Kummissjoni ser tissorvelja l-evoluzzjoni ta' qabdiet skont it-TACs kombinati għar-roundnose grenadier u r-roughhead grenadier u, jekk meħtieġ, ser titlob il-parir xjentifiku ulterjuri dwar l-istokkijiet ta' grenadier u d-distribuzzjoni tal-qabdiet għal kull speċi. Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni ser tikkunsidra l-ħtieġa għal adattamenti possibbli ta' dawk it-TACs."

Dikjarazzjoni minn Spanja u l-Portugall

"Ir-Renju ta' Spanja u r-Repubblika Portugiża jiddispijaċihom profondament dwar ir-riżultati finali tal-Kunsill tal-Ministri, li sar fl-10 ta' Novembru, li ffissaw t-TACs u l-kwoti għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond għas-sentejn li ġejjin, l-2015 u l-2016.

Il-Gvern ta' Spanja u dak tal-Portugall iqisu li l-kompromess finali għandu jkun segwa ċerti prinċipji essenzjali li kellhom jiġu applikati għall-istokkijiet kollha kkonċernati:

- Sabiex jiġi żgurat trattament ugwali għall-Istati Membri kollha fl-implimentazzjoni tal-PKS il-ġdida.
- Li d-deċiżjonijiet ikunu bbażati fuq pariri xjentifiċi sodi.
- Biex ma jiġux inklużi parametri bijoloġiċi biss iżda wkoll parametri soċjoekonomiċi, u
- Biex jittieħed kont tal-attività ta' pajjiżi terzi fil-ġestjoni ta' speċijiet kondiviżi.

B'mod partikolari, ir-Renju ta' Spanja u r-Repubblika tal-Portugall ma kellhom ebda għażla ħlief li jivvotaw kontra l-proposta ta' kompromess billi dawn il-prinċipji ġenerali ta' konsistenza bejn iż-żoni u r-regolamenti għall-iffissar tal-kwoti - fil-każ partikolari tal-paġella ħamra taż-Żoni IX u X tal-ICES - ma ġewx osservati mill-Kummissjoni.

- La l-proposta inizzjali għal tnaqqis fil-kwota ta' 62% u lanqas it-52% adottata, iżda wkoll it-tnaqqis ta' 25% deċiż għaż-żona X, ma kienu f'konformità mal-parir xjentifiku għal sajd ta' dan it-tip (data insodisfaċenti). Dan it-tnaqqis huwa diskriminatorju b'mod ċar fir-rigward ta' dawk deċiżi għal speċi oħra u żoni f'sitwazzjoni bijoloġika simili. Mhuwiex ġustifikat minħabba li waħdu mhux ser jikseb l-irkupru tal-istokk u ser ikollu impatti serji fuq il-popolazzjonijiet lokali.

- Ir-rapport tal-ICES dwar RSB IX ma ħax kont tal-qabdiet ta' pajjiżi terzi u għaldaqstant ir-riżultat huwa preġudikat.
- Billi l-paġella ħamra hija attività tas-sajd kondiviża ma' pajjiżi terzi, l-azzjoni waħdanija li jitnaqqsu l-qabdiet mill-flotta Ewropea ma tippermettix l-irkupru tar-riżorsa. Mill-Kunsill li sar f'Novembru tal-2012, Spanja ilha mingħajr ebda suċċess titlob lill-Kummissjoni Ewropea biex tinvolvi dan il-pajjiż terz fil-ġestjoni tas-sajd, kif għamlet bi stokkijiet oħra kondiviżi (in-Norveġja, l-Islanda, il-Gżejjer Faroe għall-kavalli, l-istokkafixx, l-aringi, eċċ.). Ir-riżultat ta' dan in-nuqqas ta' azzjoni wassal għal proposta għal tnaqqis unilaterali tal-kwoti li wasslet għall-evizzjoni progressiva tal-flotta Ewropea li ser tibbenefika biss lill-pajjiż terz, biċ-ċirkostanza aggravanti li l-qbid tagħhom ser jinbiegħ xorta fis-suq Ewropew, mingħajr ma jinkiseb l-irkupru ta' din l-ispeċi u mingħajr ma tittieħed konsiderazzjoni ta' miżuri ta' ġestjoni nazzjonali diġà adottati mill-Portugall u Spanja.

Fir-rigward tal-inklużjoni tal-linji tar-Roughhead Grenadier fit-TACs tal-Roundnose Grenadier, iċ-ċaħda tal-proposta ta' kompromess hija bbażata fuq żewġ raġunijiet:

- Spanja tikkunsidra li l-prinċipji bażiċi tad-distribuzzjoni ta' possibbiltajiet ġodda ta' sajd, bħalma huwa l-prinċipju ta' stabbiltà relattiva bbażat fuq qabdiet storiċi ta' kull Stat Membru, ma jkunux ġew osservati.
- Spanja tqis ukoll li l-Kummissjoni ma inkludietx fil-kalkolu tagħha l-qabdiet kollha ta' din l-ispeċi magħmula storikament mill-flotta Spanjola.

Spanja u l-Portugall jistennew li l-proposti futuri ser ikunu r-riżultat ta' pożizzjonijiet konsistenti, ibbażati biss fuq l-aħjar prattiki ta' ġestjoni tas-sajd, skont l-aqwa xjenza disponibbli u b'konsiderazzjoni tal-aspetti soċjoekonomiċi, skont il-prinċipji inkorporati fil-PAKS il-ġdida li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar ta' din is-sena."

2014/948/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2014 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kap Verde li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Kap Verde ĠU L 369, 24.12.2014, p. 1-2	15845/14
Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1385/2014 tal-15 ta' Diċembru 2014 dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kap Verde li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Kap Verde ĠU L 369, 24.12.2014, p. 31-32	15846/14
Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni "Permezz ta-sentenza tagħha tal-24 ta' Novembru 2014 dwar il-kawżi konġunti C-103/12 u C-165/12 (il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni vs il-Kunsill), il-Qorti tal-Ġustizzja annullat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/19/UE tas-16 ta' Diċembru 2011 dwar id-Dikjarazzjoni dwar l-ġoti ta' opportunitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tal-UE lil bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tar-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela fiż-żona ekonomika esklussiva 'l barra mill-kosta tal-Gujana Franċiża, u b'hekk il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat b'mod ċar li d-deċiżjonijiet dwar il-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali ma' pajjiżi terzi jaqgħu b'mod sħiħ fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 43(2) TFUE (flimkien mal-proċedura applikabbli tal-Artikolu 218 TFUE, jiġifieri l-Artikolu 218(6)a(v) għad-deċiżjonijiet dwar il-konklużjoni) u rrifjutat il-pożizzjoni li deċiżjonijiet bħal dawn jistgħu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 43(3) TFUE. Għalhekk, fir-rigward tad-deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli mar-Repubblika tal-Kap Verde, il-Kummissjoni jiddispjaċiha dwar l-emenda tal-Kunsill li tissostitwixxi l-bażi legali tal-Artikolu 43(2) flimkien mal-Artikolu 218(6)a TFUE bl-Artikolu 43 (mingħajr ma jissema l-paragrafu) flimkien mal-Artikolu 218(6)a TFUE."	

2014/929/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2014 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u dwar l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-Sajd bejn ir-Repubblika tal-Madagaskar u l-Komunità Ewropea ĠU L 365, 19.12.2014, p. 6-7	15227/14
Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1350/2014 tal-15 ta' Diċembru 2014 dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-Sajd bejn ir-Repubblika tal-Madagaskar u l-Komunità Ewropea ĠU L 365, 19.12.2014, p. 44-45	15228/14
Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni "Permezz ta-sentenza tagħha tal-24 ta' Novembru 2014 dwar il-kawżi konġunti C-103/12 u C-165/12 (il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni vs il-Kunsill), il-Qorti tal-Ġustizzja annullat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/19/UE tas-16 ta' Diċembru 2011 dwar id-Dikjarazzjoni dwar l-ġhoti ta' opportunitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tal-UE lil bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tar-Repubblika Bolivariana tal-Venezwela fiż-żona ekonomika esklussiva 'l barra mill-kosta tal-Gujana Franċiża, u b'hekk il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat b'mod ċar li d-deċiżjonijiet dwar il-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali ma' pajjiżi terzi jaqgħu b'mod sħiħ fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 43(2) TFUE (flimkien mal-proċedura applikabbli tal-Artikolu 218 TFUE, jiġifieri l-Artikolu 218(6)a(v) għad-deċiżjonijiet dwar il-konklużjoni) u rrifjutat il-pożizzjoni li deċiżjonijiet bħal dawn jistgħu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 43(3) TFUE. Għalhekk, fir-rigward tad-deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd mar-Repubblika tal-Madagaskar, il-Kummissjoni jiddispjaċiha dwar l-emenda tal-Kunsill li tissostitwixxi l-bażi legali tal-Artikolu 43(2) flimkien mal-Artikolu 218(6)a TFUE bl-Artikolu 43 (mingħajr ma jissemma l-paragrafu) flimkien mal-Artikolu 218(6)a TFUE."	

Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1340/2014 tal-15 ta' Diċembru 2014 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1388/2013 li jiftaħ u jipprovdi għall-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali ĠU L 363, 18.12.2014, p. 1-9	16081/14
Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1341/2014 tal-15 ta' Diċembru 2014 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1387/2013 li jissospendi d-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq ċerti prodotti agrikoli u industrijali ĠU L 363, 18.12.2014, p. 10-66	16082/14
Deċiżjoni (UE) 2015/42 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2014 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, f'konformità mal-punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar il-kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar il-ġestjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EGF/2014/010 IT/Whirpool, ippreżentata mill-Italja) ĠU L 8, 14.1.2015, p. 14-15	16084/14

Deċiżjoni (UE) 2015/44 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2014 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni skont il-punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EGF/2013/014 FR/Air France, minn Franza) ĠU L 8, 14.1.2015, p. 18-19	16085/14
Deċiżjoni (UE) 2015/41 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2014 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni FEG/2013/006 PL/Fiat Auto Poland S.A. mill-Polonja) ĠU L 8, 14.1.2015, p. 12-13	16086/14
Deċiżjoni (UE) 2015/43 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2014 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba (Applikazzjoni EGF/2014/013 EL/Odysefs Fokas, ippreżentata mill-Greċja) ĠU L 8, 14.1.2015, p. 16-17	16088/14

Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mar-Repubblika tat-Tuneżija għall-konklużjoni ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, fuq naħa, u r-Repubblika tat-Tuneżija, fuq in-naħa l-oħra, dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi għal soġġorn qasir	16057/14
Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mar-Repubblika tat-Tuneżija għall-konklużjoni ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra, dwar Riammissjoni	16063/14
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-linji politiċi tal-UE għal bdiewa żgħażaġh	16749/14
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rata ta' żbalji għall-infiq agrikolu	16798/14

It-3361 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET BARRANIN) saret fi Brussell fil-15 ta' Diċembru 2014**ATTI MHUX LEĠISLATTIVI**

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Inizjattiva ta' Koordinazzjoni tal-Investiment tan-Nofsinhar tal-Mediterran" (AMICI)	16728/14
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Repubblika Ċentru-Afrikana	16748/14
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sudan t'Isfel	16760/14
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-emendar tal-artikolu dwar l-Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir (SALW) fi ftehimiet bejn l-UE u pajjiżi terzi	16342/14
Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/906/PESK tal-15 ta' Diċembru 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2013/726/PESK b'appoġġ għal UNSCR 2118 (2013) u l-Kunsill Eżekuttiv tal-OPCW EC-M-33/Dec 1, fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva ĠU L 359, 16.12.2014, p. 151-152	16089/14

Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/912/PESK tal-15 ta' Diċembru 2014 b'appoġġ għall-attivitajiet relatati mas-sigurtà fiżika u l-ġestjoni tal-ħażniet (PSSM) biex jitnaqqas ir-riskju tal-kummerċ illeċitu tal-armi ħfief u ta' kalibru żgħir (SALW) u l-munizzjon tagħhom fir-reġjun tas-Saħel ĠU L 360, 17.12.2014, p. 30-43	15236/14
Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/913/PESK tal-15 ta' Diċembru 2014 b'appoġġ għall-Kodiċi ta' Kondotta tal-Aja u n-nonproliferazzjoni tal-missili ballistiċi fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva ĠU L 360, 17.12.2014, p. 44-52	15239/14
Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/60 tal-15 ta' Diċembru 2014 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukraina, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjonijiet mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni dwar ir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni u dawk tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni u ta' Sottokumitati, tat-twaqqif ta' żewġ Sottokumitati, u tad-delega ta' ċerti setgħat mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ ĠU L 10, 16.1.2015, p. 30-44	15870/14
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sirja	16868/14
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Bosnja-Herzegovina	16935/14

It-3362 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJET ĠENERALI) li saret fi Brussell fis-16 ta' Diċembru 2014

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
2014/930/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2014 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ĠU L 365, 19.12.2014, p. 143-144	16808/14
Dikjarazzjoni minn Franza, il-Ġermanja u r-Renju Unit "Franza, il-Ġermanja u r-Renju Unit jappoġġaw il-ftehim dwar id-deċiżjoni tal-Kunsill, li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni. Franza, il-Ġermanja u r-Renju Unit madankollu jfakkru li huma jqisu li l-allokazzjoni attwali tal-għadd ta' siġġijiet għal kull Stat Membru mhijiex kompletament sodisfaċenti, b'mod partikolari minħabba l-kriterju demografiku previst b'mod espliċitu mill-Artikolu 300(5) TFUE. Għaldaqstant, Franza, il-Ġermanja u r-Renju Unit jixtiequ jenfasizzaw li ser ikollu jsir eżami bir-reqqa ta' din il-kwistjoni qabel ma jiġġedded il-Kumitat fl-2020, sabiex jittieħed kont aħjar tal-kriterji stabbiliti mit-trattati u b'mod partikolari dawk tal-iżviluppi demografiċi. Fl-aħħar nett, huwa importanti li nfakkru li din id-deċiżjoni tikkonċerna biss lill-Kumitat tar-Reġjuni u ma tistax toħloq preċedent għal istituzzjonijiet oħra tal-UE."	

2014/921/UE: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2014 li tawtorizza lill-Kroazja biex tapplika eżenzjoni mit-taxxa fuq nafta użata biex jitħaddem makkinarju għat-tneħħija tal-mini għal skopijiet umanitarji b'konformità mal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE ĠU L 363, 18.12.2014, p. 150-151	15429/14
2014/931/UE: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2014 li testendi l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/181/UE li tawtorizza lir-Rumanija ddaħħal miżura ta' deroga speċjali mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ĠU L 365, 19.12.2014, p. 145-146	15430/14
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 12/2014 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Il-FEŻR huwa effettiv biex jiffinanzja proġetti li jippromwovu direttament il-bijodiversità taħt l-istrateġija tal-UE għall-bijodiversità sal-2020?"	16332/14
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar kooperazzjoni bejn l-għajnuna umanitarja u l-awtoritajiet tal-protezzjoni ċivili: nibnu sħubija ġdida għall-ġestjoni tad-diżastri	15831/14
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar suq uniku mkabbar omoġenju u r-relazzjonijiet tal-UE ma' pajjiżi tal-Ewropa tal-Punent li mhumiex fl-UE	16325/14 REV 1
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Aġenda trasformattiva għal wara l-2015"	16716/14

Dikjarazzjoni minn Malta dwar 'Aġenda trasformattiva għal wara l- 2015'

"Il-proċess għal wara l-2015 għandu jkun ibbażat fuq qafas komprensiv u koerenti li jkun essenzjali għall-kisba ta' twettiq effettiv u ta' riżultati sinifikattivi fil-livelli kollha. Malta ttenni l-pożizzjoni tagħha, kif espress ukoll b'rabta ma' Konklużjonijiet preċedenti tal-Kunsill, li kull rakkomandazzjoni jew impenn magħmul mill-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-iżvilupp ta' kwalunkwe għan, mira jew indikatur m'għandhom bl-ebda mod joħolqu obbligu minn kwalunkwe parti li tqis l-abort bħala forma leġittima ta' saħħa jew dritt jew prodott riproduttiv.

Malta tieħu nota tar-Rapport ta' Sintesi tas-Segretarju Ġenerali tan-NU dwar l-Aġenda għal Wara l-2015 'It-Triq lejn id-Dinjità sal-2030: Neqirdu l-Faqar, Nittrasformaw il-Ħajjiet kollha u Nħarsu l-Pjaneta'. F'dan ir-rigward, Malta tixtieq tfakkar il-pożizzjoni stabbilita tagħha dwar ir-referenzi għas-Saħħa u d-Drittijiet Sesswali u Riproduttivi (paragrafu 70) li mhumex ibbażati fuq il-qbil li ntlaħaq fil-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp u l-Programm ta' Azzjoni tagħha."

Dikjarazzjoni minn Malta

"Il-proċess għal wara l-2015 għandu jkun ibbażat fuq qafas komprensiv u koerenti li jkun essenzjali għall-kisba ta' twettiq effettiv u ta' riżultati sinifikattivi fil-livelli kollha. Malta ttenni l-pożizzjoni tagħha, kif espress ukoll b'rabta ma' Konklużjonijiet preċedenti tal-Kunsill, li kull rakkomandazzjoni jew impenn magħmul mill-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-iżvilupp ta' kwalunkwe għan, mira jew indikatur m'għandhom bl-ebda mod joħolqu obbligu minn kwalunkwe parti li tqis l-abort bħala forma leġittima ta' saħħa jew dritt jew prodott riproduttiv.

Malta tieħu nota tar-Rapport ta' Sintesi tas-Segretarju Ġenerali tan-NU dwar l-Aġenda għal Wara l-2015 'It-Triq lejn id-Dinjità sal-2030: Neqirdu l-Faqar, Nittrasformaw il-Ħajjiet kollha u Nħarsu l-Pjaneta'. F'dan ir-rigward, Malta tixtieq tfakkar il-pożizzjoni stabbilita tagħha dwar ir-referenzi għas-Saħħa u d-Drittijiet Sesswali u Riproduttivi (paragrafu 70) li mhumex ibbażati fuq il-qbil li ntlaħaq fil-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp u l-Programm ta' Azzjoni tagħha."

Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/915/PESK tas-16 ta' Diċembru 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2010/452/PESK dwar il-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Ġeorġja, EUMM Georgia ĠU L 360, 17.12.2014, p. 56-57		15070/14	
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Tkabbir u Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni		16991/14	
Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-UE u tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar l-iżgurar tar-rispett għall-istat tad-dritt		17014/14	
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Ipprogrammar Pluriennali u l-Ippjanar Leġislattiv		17026/14	
It-3363 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AMBJENT), li saret fi Brussell fis-17 ta' Diċembru 2014			
ATTI LEĠISLATTIVI			
ATT	DOKUMENT	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTAZZJONI
Deċiżjoni tal-Kunsill 940/2014/UE tas-17 ta' Diċembru 2014 dwar id-dazju tal-baħar fir-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi ĠU L 367, 23.12.2014, p. 1-7	15406/14	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Servizzi Doganali Elettroniċi u l-Implimentazzjoni ta' Interface Uniku fl-Unjoni Ewropea	16507/14
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-użu ta' sustanzi u metodi perikolużi li bihom jitwettqu atti ta' terroriżmu	16326/14 REV 1
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Glossarju tat-Terminoloġija tal-Armi tan-Nar għall-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi	15631/14
Aġenzija Ewropea għad-Difiża: Abbozz ta' Baġit għall-2015	15921/14
Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/922/PESK tas-17 ta' Diċembru 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2010/279/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea fl-Afganistan (EUPOL AFGHANISTAN) ĠU L 363, 18.12.2014, p. 152-155	15234/14

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, fl-isem tal-Unjoni, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tat-Tuneżija dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tat-Tuneżija fil-programmi tal-Unjoni	16158/14
Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja, fl-isem l-Unjoni, ta' Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Alġerija, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Alġerija rigward il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Alġerija fi programmi tal-Unjoni	16149/14
Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Libanu, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Libanu dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Libanu fil-programmi tal-Unjoni	16132/14

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, u l-applikazzjoni proviżorja ta' Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Renju tal-Marokk min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea	15865/14
Proċedura bil-miktub konklużiva fit-18 ta' Diċembru 2014	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Regolament (UE) Nru 1383/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2014 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 55/2008 li jintroduċi l-preferenzi awtonomi għall-kummerċ għar-Repubblika tal-Moldova ĠU L 372, 30.12.2014, p. 1-4	PE-CONS 95/14
Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/933/PESK tat-18 ta' Diċembru 2014 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/386/PESK dwar miżuri restrittivi minħabba l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol ĠU L 365, 19.12.2014, p. 152-155	16045/14

Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1351/2014 tat-18 ta' Diċembru 2014 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 692/2014 dwar miżuri restrittivi b'reazzjoni għall-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol ĠU L 365, 19.12.2014, p. 46-59	16047/14
Regolament (UE) Nru 1384/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2014 dwar it-trattament tariffarju għal merkanzija li toriġina fl-Ekwador ĠU L 372, 30.12.2014, p. 5-8	PE-CONS 96/14
Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/932/PESK tat-18 ta' Diċembru 2014 rigward miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Jemen ĠU L 365, 19.12.2014, p. 147-151	15889/14
Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1352/2014 tat-18 ta' Diċembru 2014 rigward miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Jemen ĠU L 365, 19.12.2014, p. 60-69	16305/14
Proċedura bil-miktub konklużi fid-19 ta' Diċembru 2014	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Direttiva tal-Kunsill 2014/112/UE tad-19 ta' Diċembru 2014 li timplimenta l-Ftehim Ewropew dwar ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol fit-trasport fl-ilmijiet navigabbli interni konkluż mill-Unjoni tan-Navigazzjoni Interna (EBU), l-Organizzazzjoni Ewropea tal-Kaptani (ESO) u l-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport (ETF) ĠU L 367, 23.12.2014, p. 86-95	16587/14